**Deċiżjoni tas-Sedja mogħtija mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 331 tal-24 ta' Novembru 2015 dwar tħassir ta' laqgħat ta' kumitati**

Fis-Seduta 330 tal-bieraħ, 23 ta' Novembru 2015, l-Onor. Owen Bonnici qajjem punt eżattament xħin kien sar il-ħin biex tibda tinqara l-aġenda tal-Kamra, fejn qal hekk:

> "Sur President, inqajjem dan il-*point of order* għax din hija l-ewwel opportunità kif jgħidu l-Ordnijiet Permanenti. Qed inqajjem dan il-*point of order* f'ismi u f'isem il-kollega Ministru Edward Zammit Lewis. Se nispjega f'liema kapaċità. L-Onor. Zammit Lewis se jispjega fil-kapaċità tiegħu ta' Membru quddiem il-Kumitat għall-Kontijiet Pubbliċi.
>
> Illum kien hemm laqgħa skedata tal-Kumitat għall-Kontijiet Pubbliċi fejn jien ġejt imħarrek bħala xhud biex inwieġeb id-domandi kollha li jogħġobhom jagħmlu l-Oppożizzjoni dwar l-għażla u l-konċessjoni ta' Henley and Partners fejn jidħol il-programm ta' ċittadinanza b'investiment. Jien mort għal din is-seduta biex inwieġeb għal kull domanda li jixtiequ jagħmlu l-membri tal-Oppożizzjoni; però meta mort hemmhekk insib lis-Segretarja tal-Kumitat is-Sinj. Anna Brincat, li ġiet fuqi u qaltli: Onorevoli, ħu paċenzja għaliex iċ-Chairman bagħat jgħidlek li l-Kumitat huwa pospost. Jien dħalt fil-Kamra, u wara ftit ħin irċevejt *email* mingħand is-Segretarja tal-Kumitat – ħa nikkwota, l-ħin – fis-6.56 p.m., prattikament fis-sebgħa ta' filgħaxija."

L-Onor. Bonnici kompla jgħid hekk:

> "Meta rajt din l-*email* kellimt lill-Onor. Godfrey Farrugia u għedtlu: Onor. Farrugia, bħala *Whip* kien hemm abbokkament biex il-PAC jiġi pospost? Qalli: le, assolutament, ma kien hemm ebda abbokkament."

Fuq dan il-punt l-Onor. David Agius qal hekk:

> "L-ewwel punt huwa li l-Onor. Tonio Fenech kien imsejjaħ minni bħala *Whip* tiegħu biex jattendi urġentament laqgħa tal-grupp parlamentari li saret f'din il-binja! Allura kien qiegħed hemm fuq ordni tiegħi bħala *Whip* tiegħu f'dan il-Parlament."

L-Onor. Agius kompla jgħid hekk:

> "Għall-istess kumitati għadni kif irċevejt messaġġ issa, mingħajr ma kien hemm qbil mal-Oppożizzjoni mill-Assistent Skrivan tal-Kamra John Vella:
>
> > *"Chairman Working Group 1 informs that Working Group 1 scheduled for today is being postponed to a date which will be communicated later on. Among others, he has to chair the Committee in House. Inconvenience regretted.*
> >
> > *Regards,*
> > *John.*"
>
> Fis-7.22p.m.! Mingħajr ma ovvjament kkonsultaw ukoll mal-Oppożizzjoni!"

Hawnhekk l-Onor. Luciano Busuttil qal hekk:

> "Sur President, nixtieq nispjega li bħalma taf il-Kamra – naħseb li issa taf Malta kollha wkoll – fl-assenza tal-Onor. Ċensu Galea nippresjedi l-Kamra fl-Istadju ta' Kumitat. Ninsab miftiehem mal-Onor. Ċensu Galea biex illum fis-7.30 p.m. inkun hawn ħalli nippresjedi minfloku, għaliex kellu impenji oħra. Mhux se ngħid l-impenji l-oħra x'inhuma."

Hawnhekk tkellem l-Onor. Tonio Fenech fejn spjega ruħu u qal hekk:

> "Diġà ċċara l-*Whip* li jien kelli struzzjonijiet ċari biex inkun mal-grupp f'dawn iċ-ċirkostanzi. Irrid ngħid li avżajt lis-Segretarja tal-Kumitat li ma tistax issir laqgħa u kellha tiġi posposta b'korteżija! Proċeduralment stajna ma avżajna xejn, ma attendejniex; kien ikun hemm *quorum* però mhux Chairman, allura ma jistax jitmexxa għaliex il-PAC bilfors irid jitmexxa minn *chairman* mill-Oppożizzjoni, u kien ifisser li l-laqgħa kienet taqa', kif ġieli ġara f'ċirkostanzi oħrajn f'din il-Kamra."

L-Onor. Edward Zammit Lewis imbagħad qal hekk:

> "Sur President, skantat kif l-Onor. Tonio Fenech jitkellem fuq korteżija! Jien naħseb li l-korteżija kienet titlob li qabel ma jieħu tali deċiżjoni, u kif dejjem ħdimna fil-kumitati għall-kontijiet pubbliċi, jikkonsulta magħna."

Is-Sedja tkellmet mas-Sinj. Anna Brincat, is-Segretarja tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, biex tingħata l-verżjoni eżatta ta' kif ġraw l-affarrijiet. Effettivament is-Sinj. Brincat ħadet interess hi biex tara xħin ser jitlaqa' l-PAC. Fil-fatt, is-Sinj. Anna Brincat qaltli li fil-ħin li kellha tibda l-laqgħa tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi fis-6.30 p.m. kien hemm diġà l-Awditur Ġenerali, id-Deputat Awditur Ġenerali, is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Intern, is-Sur Kevin Mahoney, li kien ġie msejjaħ bħala xhud, kif ukoll il-Ministru Owen Bonnici. Qaltli li l-Ministru Bonnici staqsieha fejn hu ċ-*chairman*, l-Onor. Tonio Fenech, biex ikun jista' jibda x-xogħol tal-Kumitat. Sa dak il-ħin hija ma setgħetx tirrispondi, però fuq inizjattiva tagħha stess, marret issib lill-Onor. Tonio Fenech – li sabitu fil-kmamar tal-Opożizzjoni – li qalilha li l-laqgħa tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi ma kinitx ser issir. Ovvjament fuq l-istruzzjonijiet li taha l-istess Onor. Tonio Fenech li kien qed jipposponi l-laqgħa tal-PAC, tkellmet mal-Iskrivan tal-Kamra li taha struzzjoni biex tinforma lill-Membri b'dan permezz ta' *email*. Effettivament din l-*email* ntbagħtet mis-Sinj. Brincat fis-6.56 p.m. lill-Membri.

Is-Sedja rat it-talba tal-Onor. Owen Bonnici li tagħti *ruling* dwar jekk iċ-*chairman* setax jiddeċiedi waħdu li jikkanċella l-laqgħa tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi kif sar fis-seduta tal-bieraħ. Is-Sedja rat diversi *rulings* li tat hi stess kif ukoll *rulings* oħra li ta l-eks Speaker Michael Frendo fis-seduta 260 tal-11 ta' Ottubru 2010, għar-*ruling* mogħti minni fis-seduta tal-4 ta' Ġunju 2013 fuq punt imqajjem mill-Onor. George Pullicino, kif ukoll aktar reċenti fis-seduta tal-4 ta' Frar 2014 fuq talba tal-Onor. David Agius meta l-istess Onor. Agius kien talab lis-Sedja biex tagħti *ruling* u qal proprju hekk:

> "Mr Speaker, ir-*ruling* li qed nitolbok jien huwa jekk tistax tiġi mħassra laqgħa *verbatim*. Il-laqgħa ta' għada mhijiex se ssir minħabba nuqqas ta' *quorum*. Jekk laqgħa tal-*Family Affairs Committee* jew kull kumitat ieħor tistax titħassar għaliex *chairman* jgħid li ma tistax issir minħabba nuqqas ta' *quorum*."

F'dan l-aħħar *ruling* fuq talba tal-Onor. David Agius is-Sedja tat raġuni lill-Onor. Agius li m'għandux ikun hemm deċiżjoni arbitrarja taċ-*chairman* li b'mod arbitrarju jasal għall-konklużjoni li m'hemmx *quorum* meta l-laqgħa tkun għadha ma saritx. Is-Sedja rat ukoll x'jgħid l-Erskine May li dwar *sittings of select committees* jgħid hekk:

> "*It is usual for select committees to be given power on appointment 'to sit notwithstanding any adjournment of the House' and such a provision is included in the standing orders governing the appointment of the select committees regularly appointed, except for the Committee of Selection. When this power has been given to a committee it has been extended in most cases to its sub-committees. Select committees which have not been given this power require the leave of the House to sit on days when the House does not sit and, under Standing Order No 123, a motion for such leave may not be moved without notice. Select committees may not, however, sit during periods when Parliament is prorogued.*
>
> *When it has been necessary further to adjourn a committee beyond the date fixed for its next meeting, or otherwise change the date or time of the next meeting, the general practice has been that such arrangements are made informally on the instruction of the chair. Where possible in such circumstances steps are taken to consult the members informally. Strictly, however, the chair does not have the power to alter the decision of the committee and on occasion the House, on the application of the chair, has made the necessary order. Similarly, committees have sometimes agreed to leave arrangements for the reassembling of the committee to the chair, although formally it would be for the House to summon Members to attend the committee at a particular date and time.*"

L-aħħar edizzjoni tal-*House of Commons Procedure and Practice* tal-Parlament tal-Kanada, fuq kanċellament ta' laqgħa ta' kumitat tal-Kamra jgħid hekk:

> "*A committee meeting is convened by a notice sent to the members by the clerk, upon the instructions of the Chair.*"

Fuq *cancelling a meeting* imbagħad jgħid hekk:

> "*Circumstances sometimes arise, which make it necessary to cancel a committee meeting after a notice convening the committee has been sent. Where a committee has agreed to adjourn to the call of the Chair, the Chair instructs the clerk to send an amendment to the notice convening the members, informing them of the cancellation. Where the meeting has been convened by order of the committee, the Chair consults with representatives of the various parties before sending the cancellation notice.*"

Jidher ċar li l-Onor. Tonio Fenech, bħala *chairman* tal-PAC m'għamel l-ebda waħda minn dawn, anzi kulma qal huwa li kellu ordni mill-*Whip* tal-Oppożizzjoni li jattendi għal laqgħa tal-grupp parlamentari. Però la kkonsulta ma' xi membri tal-Kumitat, la kkonsulta mal-membri tan-naħa tal-Gvern, u lanqas ma ta xi avviż, imma kienet biss inizjattiva tas-Sinj. Anna Brincat li pprovat tiskopri għaliex iċ-*chairman* ma kienx preżenti u tħalla kulħadd jistenna bix-xhieda avżati għalxejn. Apparti wkoll il-fatt li l-assenza arbitrarja tal-Onor. Tonio Fenech mill-PAC ma kinitx relatata direttament max-xogħol tal-Kamra.

Is-Sedja diġà esprimiet ruħha fuq il-punt tal-poteri li għandu ċ-*chairperson*; ladarba tiġi konkluża l-aġenda ma jistax jieħu deċiżjoni jekk hux se jkun hemm *quorum* jew le, u dan fir-*ruling* li tat l-istess Sedja fis-seduta tat-3 ta' Frar 2014. Bl-istess mod qiegħda tiddeċiedi permezz ta' dan ir-*ruling* billi tgħid li ċ-*chairperson* ma kellu l-ebda dritt li b'mod arbitrarju jiddeċiedi u jikkanċella l-laqgħa tal-PAC mingħajr ma tal-inqas jikkonsulta u jipprova jispjega għaliex qed jitlob il-kanċellament tal-laqgħa meta l-Minuti kienu ċari li l-laqgħa kellha ssir illum bi smigħ taż-żewġ xhieda, is-Sur Kevin Mahoney u l-Ministru Owen Bonnici. Dan in linja ma' dak li jindikaw il-proċeduri kemm tal-House of Commons Kanadiża u dik Ingliza, fl-Erskine May, u dak li diġà ġie deċiż minni fir-*ruling* li tajt fis-seduta tal-4 ta' Frar 2014.

Aktar u aktar meta l-istess Onor. Tonio Fenech, fl-ispjegazzjoni tiegħu jgħid li kellu kull dritt jagħmel hekk għaliex il-fatt li ma jkunx hemm iċ-*chairperson* – kariga li huwa fil-fatt jokkupa – li jrid ikun min-naħa tal-Oppożizzjoni, allavolja jkun hemm *quorum*, ma setax jitkompla l-PAC. Dan il-komportament juri nuqqas ta' rispett anke lejn l-istess andament tal-PAC, kif indikat fl-Ordni Permanenti 120E tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra.

Huwa għalhekk li s-Sedja qiegħda tiddeċiedi li ma kienx hemm ġustifikazzjoni b'mod assolut li ċ-*chairperson* tal-PAC jikkanċella b'mod arbitrarju l-laqgħa tal-bieraħ.

Għal dak li għandu x'jaqsam maċ-*chairperson* tal-Foreign and European Affairs Committee, l-Onor. Luciano Busuttil, fl-ispjegazzjoni tiegħu kien jidher ċar li huwa ma kienx qed jikkanċella iżda kien se jiġi jippresiedi l-Kumitat fil-Kamra, xi ħaġa li ġiet spjegata wara li kkonsulta mad-*Deputy Speaker*, l-Onor. Ċensu Galea, u aktar u aktar meta anke fil-Minuti tal-laqgħa tal-Kumitat li jippresiedi l-Onor. Luciano Busuttil ma kienx għadu hemm ftehim u ma kienx hemm indikata d-data u l-ħin ta' dan il-*working group*.

Għalhekk, bħala gwida ċara li l-ebda *chairman* ta' kumitat permanenti ma għandu d-dritt li jikkanċella l-laqgħa tal-kumitat parlamentari li jkun jippresjedi, meta skont il-Minuti tkun diġà ġiet deċiża d-data, u huwa b'kunsens li jista' jagħmel dan b'mod raġonevoli.

Ir-*ruling* huwa deċiż.